**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jeffrey Scicluna]**

**vs**

**Daniel Maftei**

**Kumpilazzjoni Numru: 59/19**

**Illum, 15 ta' Frar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Daniel Maftei detentur tal-karta tal-identita` Rumena numru OT677932 akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2018 u l-1 ta' Jannar 2019 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi je dispozizzjonijiet relatati mal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' kartiera bi flus kontanti u diversi credit cards, ghad-detriment ta' Doriette Cuschieri u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza mill-ATM tal-fergha tal-bank BOV gewwa Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta, ikkommetta serq flus, liema somma ta' flus tammonta ghal €1450 billi ghamlu uzu illecitu minn credit cards liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Doriette Cuschieri u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza mill-ATM tal-fergha tal-bank BOV gewwa Triq ir-Repubblika fil-Belt

Valletta ghamel uzu ta' kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elektroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'kompjuter, dan sar ghad-detriment ta' Doriette Cuschieri u/jew persuni ohra dan bi ksur tal- Artikolu 337C (1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, mill-ATM tal-bank BOV fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu ghad-detriment ta' Doriette Cuschieri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bhala serq aggravat bil-valur u dan bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 261, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza ikkommetta serq ta' kartiera bi flus kontanti u diversi credit cards, ghad-detriment ta' Tiberia Demicoli u/jew persuni ohra liema serq

huwa meqjus bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikoli 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mill-ATM tal-bank BOV fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta u mill-ATM tal-bank BOV fi Triq Sant'Anna fil-Floriana, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu ghad-detriment ta' Tiberia Demicoli u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bhala serq aggravat bil-valur u dan bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 261, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli nhar id-29 ta' Dicembru 2018 bejn it-tlieta u l-hamsa ta' wara nofsinhar (15:00hrs - 17:00hrs) minn fuq il-karozza tal-linja bin-numru X2 ikkommetta serq ta' kartiera tikkontjenti flus kontanti fl-ammont ta' €175 u credit cards. ghad-dannu ta Antoaneta Kotlarova u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq jitqies bhala serq semplici u

dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli nhar id-29 ta' Dicembru 2018 mill-ATM tal-fergha tal-bank HSBC gewwa San Giljan, ikkommetta serq flus, liema somma ta' flus tammonta ghal €200 billi ghamlu uzu illecitu minn credit cards liema serq hu meqjus bhala serq semplici ghad-dannu ta' Antoaneta Kotlarova u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli nhar il-31 ta' Dicembru 2018 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) mill-Bus Terminus fi Triq it-Turisti San Pawl il-Bahar ikkommetta serq ta' kartiera tikkontjeni flus kontanti fl-ammont ta' €30 u credit cards, ghad-dannu ta' Michael Armstrong u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq jitqies bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza mill-ATM tal-fergha tal-bank EURONET gewwa l-Qawra, ikkommetta

serq flus, liema somma ta' flus tammonta ghal €300 billi ghamlu uzu illecitu minn credit cards liema serq hu kwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Michael Armstrong u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 261, 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat illi huwa kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u li rrifonda lura kwazi ir-*res furtiva* kollha;

Rat l-ammissjoni shiha u nkondizzjonata tieghu ghall-akkuzi kif emendati b'digriet ta' din il-Qorti datat hdax (11) ta' Frar, elfejn u dsatax (2019);

Rat il-konferma tal-ammissjoni tieghu permezz ta' verbal datat hmistax (15) ta' Frar, elfjejn u dsatax (2019) u dan wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u wara li kkonfermat mieghu li hu nghata zmien bizzejjed sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu u li fehem l-imputazzjonijiet kollha u l-pieni li jgibu tali mputazzjonijiet;

Illi wara li l-Qorti hi sodisfatta b'dan kollu u wara li rat l-Artikoli 18, 337(2)(b), 337C(1) (f), 337F(1), 261, 267, 41(1)(a) u 284 issib lill-imputat Daniel Maftei hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni u tikkundannah piena ta' seba' (7) xhur prigunerija.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**